**21 ta' Ottubru, 1985**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. - President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Perit Vincent Galea

*versus*

*Chairman* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u s-Segretarju Amministrattiv

## Kjamati fil-Kawża - Interess - Ministru - Kap tad-Dipartiment - Servizz Pubbliku - Impjieg - Terminażżjoni ta' - Tkeċċija

*Hija doverusa l-kjamata tal-Ministru tal-Kap tad-dipartiment meta l-kawża tkun tikkonċerna allegazzjoni li t-tkeċċija ta' impjegat minn dak id-Dipartiment saret bi ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu.*

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali Tagħha illi bih ir-rikorrenti wara li espona reverentement illi huwa impjegat fis-Servizz Pubbliku; illi fis-6 ta' Diċembru, 1983, huwa ppubblika artikolu fil-gazzetta "In-....... Tagħna" jismu "Il-Poter"; illi l-esponent huwa attiv fil-politika u fl-aħħar elezzjoni kkontesta bħala kandidat tal-Partit Nażżjonalista; illi fl-20 ta' Diċembru, 1983 huwa ġie akkużat quddiem il-Bord tad-Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, b'diversi akkużi, fosthom illi "minkejja li ġejt imwissi, bħala uffiċjal pubbliku, li ma tistax, skond ir-regolamenti tikkontribwixxi fil-ġurnali artikoli ta' natura politika jew amministrattiva, inti injorajt it-twissijiet u bqajt xort waħda tikteb artikolu ta' xejra politika; illi fis-6 ta' Jannar, 1984 huwa ġie sospiż mill-funzjonijiet tiegħu fuq ordni tat-tieni intimat; illi fl-20 ta' Frar, 1984 il-Bord tad-Dixxiplina rrakomanda illi l-esponent jinsab ħati ta' l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu; illi b'ittra tal-25 ta' Mejju, 1984 l-esponent ġie informat illi l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kienet ħelsitu mill-akkużi kollha, imma sabitu ħati ta' l-akkuża msemmija fir-raba' paragrafu ta' dan ir-rikors referibbilment għall-pubblikazzjoni ta' artikolu fil-ġurnal "In-

....... Tagħna"; illi dwar din l-akkuża huwa ġie mwaħħal is-somma ta' mitt lira (LM100), tilef is-salarju mid-data ta' l-interdizzjoni sad-29 ta' Marzu, 1984. L-interdizzjoni tiegħu ġiet imneħħija meta l-esponent mar lura għax-xogħol, huwa ġie miżmum, u għadu hekk miżmum sal-lum; illi diversi uffiċjali pubbliċi oħrajn jiktbu f'ġurnali politiċi tal-Partit tal-Gvern u ma ttieħdux ebda passi dixxiplinari kontra tagħhom; illi dan l-aġir jikkostitwixxi diskriminazzjoni fuq bażi politika, pprojbita mill-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta; talab għaldaqstant li dik il-Qorti jogħġobha tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex tiżgura mit-twettiq tad-drittijiet ta' l-esponent, fosthom illi ssib lill-intimati ħatja ta' diskriminazzjoni politika, tannulla d-deċiżjonijiet tal-Bord tad-Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u ta' l-istess Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku in kwantu jolqtu l-akkuża li tagħha l-esponent ġie misjub ħati. Bl-ispejjeż;

Rat ir-risposta ta' l-intimati *Chairman* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u s-Segregarju Amministrattiv illi dik il-Qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni li tieħu konjizzjoni tar-rikors biex tissindika l-operat tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku billi għal dak il-fini tosta l-projbizzjoni ta' l-Artikolu 118 tal-Kostituzzjoni. Salvi eċċezzjonijiet oħra fi stadju ulterjuri f'każ ta' bżonn;

Rat il-verbal tas-17 ta' Lulju, 1984, quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti fejn jidher li fuq talba tagħha u mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni preliminari u *in linea* sussidjarja l-intimati eċċepew li ma saret l-ebda diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrent, kif ukoll, peress illi deherilha li jkun aktar opportun li qabel xejn tiġi ttrattata u deċiża l-ewwel eċċezzjoni, l-invit tagħha lill-partijiet biex fl-ewwel lok

jillimitaw ruħhom għal dawk li huma provi u trattazzjoni għall-ewwel eċċezzjoni biss;

Rat is-sentenza *ta'* l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-27 ta' Awissu, 1984, li biha rrespinġiet l-istess eċċezzjoni preliminari in kwantu tirrigwarda l-intimat Segretarju Amministrattiv waqt illi fil-kontront ta' l-intimat l-ieħor, u ċjoè ċ-*Chairman* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku rrespinġietha wkoll in kwantu tirrigwarda dik il-parti fejn ir-rikorrenti qed jitlob li l-Qorti "tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi tad-drittijiet ta' l-esponenti", iżda laqgħet l-istess eċċezzjoni preliminari fir-rigward tal-bqija tat-talbiet tar-rikorrenti jiġifieri li dik il-Qorti "tannulla d-deċiżjonijiet tal-Bord tad-Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku in kwantu jolqtu l-akkuża li tagħha l-esponenti ġie misjub ħati" billi ddeċidiet li hija m'għandhiex ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni ta' din il-parti tar-rikors u b'dan għalhekk illi l-partijiet għandhom iressqu u jillimitaw il-provi tagħhom in meritu in konformità ma' din id-deċiżjoni u rriservat l-ispejjeż sal-ġudizzju aħħari;

Rat a fol. 32 sa 41 ir-rikors ta' l-appell tal-Perit Vincent Galea li permezz tiegħu talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu l-istess sentenza rrespinġiet l-eċċezzjoni preliminari ta' l-intimati fil-limiti espressament imsemmija fis-sentenza u tirrevokaha in kwantu laqgħet l-eċċezzjoni preliminari ta' l-intimati limitatament għat-talba ta' l-appellant li jiġu annullati d-deċiżjonijiet tal-Bord tad-Dixxiplina tal-PSC u ta' l-istess PSC in kwantu jolqtu l-akkuża li tagħha huwa ġie misjub ħati u konsegwentement tirrespinġi *in toto* l-eċċezzjoni preliminari ta' l-intimat u tibgħat lura l-atti tal-kawża għall-kontinwazzjoni

quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti;

Rat a fol. 42 sa 44 ir-risposta taċ-*Chairman* tal-*Public Service Commission* li biha filwaqt li rriserva illi jagħmel appell mis-sentenza parzjali tas-27 ta' Awissu, 1984, flimkien ma' appell jekk ikun hemm bżonn minn sentenza definittiva talab li din il-Qorti tiċħad l-appell tar-rikorrent u tikkonferma dik il-parti mis-sentenza appellata, li l-appellant qed jitlob ir-revoka tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanza kontra l-appellant;

Rat a fol. 45 sa 46 ir-risposta tas-Segretarju Amministrattiv li biha filwaqt li rriserva illi jagħmel appell mis-sentenza parżjali tas-27 ta' Awissu, 1984, flimkien ma' appell jekk ikun il-bżonn minn sentenza definittiva talab li din il-Qorti jogħġobha tiċħad l-appell interpost mir-rikorrent bl-ispejjeż kollha kontra tiegħu;

Rat a fol. 57 sa 84 is-sentenza ta' din il-Qorti tal-21 ta' Jannar, 1985, li laqgħat l-appell u għalhekk filwaqt li kkonfermat is-sentenza appellata in kwantu l-istess irrespinġiet l-eċċezzjoni preliminari in eżami fil-limiti espressament imsemmija fl-istess sentenza, irrevokat l-imsemmija sentenza appellata in kwantu laqgħat dik l-eċċezzjoni preliminari ta' l-intimati limitatament għat-talba tar-rikorrenti appellant li jiġu annullati d-deċiżjonijiet tal-Bord tad-Dixxiplina tal-PSC u ta' l-istess PSC in kwantu jolqtu l-akkuża li tagħha l-appellant ġie misjub ħati u konsegwentement ċaħdet "*in toto*" l-imsemmija eċċezzjoni preliminari ta' l-intimati appellati u ordnat illi l-atti tal-kawża jiġu rrinvjati lill-ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi, u li l-ispejjes ta' dik l-istanza fiċ-ċirkostanzi tal-każ jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet, b'dan, li l-ispejjeż tar-Reġistru jkunu għall-karigu ta' l-intimati appellati;

Rat il-verbal tat-2 ta' Mejju, 1985, li permezz tiegħu r-rikorrenti, *tramite* d-difensuri tiegħu, talab illi jiġu msejħin fil-kawża l-Onorevoli Ministru tax-Xogħlijiet u Djar u d-Direttur tax-Xogħlijiet;

Rat l-oppożizzjoni tal-konvenuti għal din it-talba kif verbalizzata fis-seduta sussegwenti tat-23 ta' Mejju, 1985;

Rat id-deċiżjoni ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-3 ta' Ġunju, 1985 li biha ddikjarat li hija tal-ferma konvinzjoni u f'dan is-sens ukoll ipprovdiet billi laqgħet it-talba li għandhom jissejħu in kawża l-persuni indikati mir-rikorrent, jiġifieri dik l-Onorevoli Ministru tax-Xogħlijiet, Djar u Sport, kif ukoll tad-Direttur tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet; spejjeż riservati wara li kkunsidrat -

Illi fis-sottomissjoni orali tiegħu ir-rikorrenti addivjena għat-talba tiegħu wara li, skond hu, sema' x-xhieda ta' l-intimat Segretarju Amministrattiv li għaliha huwa għamel riferenza. Skond ir-rikorrenti l-fatti kif esposti minn dan l-intimat jagħtu lok għall-kjamata in kawża tal-persuni minnu indikati u dan partikolarment u riferibbilment għall-fatti konċernati n-nuqqas tad-dħul lura għax-xogħol tar-rikorrenti wara d-deċiżjoni mogħtija mill-Bord tad-Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku;

L-intimati oġġezzjonaw *stante* li skond huma l-fatti kif elenkati mir-rikorrenti fir-rikors tagħhom ma jiġġustifikawx tali sejħa. Skond l-intimati, il-persuni ċċitati għalbiex jiġu msejħin fil-kawża m'għandhomx interess fil-kawża kif proposta. *Se mai*, ir-rikorrenti - sostnew huma - imissu allura jagħżel li jċedi l-atti *di fronte* lejhom u jistitwixxi proċeduri kontra l-kjamati fil-

kawża. Bid-daħla ta' dawn il-persuni ssottomettew l-intimati, ser ifisser titwil tal-proċess għall-ebda raġuni għax dan il-proċess jista' jitmexxa separatament u indipendentement fuq il-meritu tiegħu a parti minn kull ħaġa li setgħet tiġi attribwita lill-persuni li tagħhom qiegħda tintalab il-kjamata in kawża. Din il-proċedura m'għandhiex isservi biex tiġi salvata l-odjerna proċedura tar-rikorrenti kontra ż-żewġ intimati. M'huwiex ġust, isostnu, li jiddaħħlu persuni f'nofs il-proċess, la għall-intimati u wisq anqas għall-eventwali kjamati in kawża stess. Wara kollox, temmew jgħidu l-intimati, ir-rikorrenti kien edott mill-fatt kollha li ġraw;

Ir-rikorrenti rribatta illi, qabel xejn, il-kwistjoni tal-kjamata in kawża ta' terzi, *o meno*, mhix ħaġa ta' meritu imma punt ta' proċedura. Li trid tindaga l-Qorti hija jekk dawn it-terzi għandhomx tassew interess ġuridiku jew le fil-kawża. Spjega li wara x-xhieda ta' l-intimat Segretarju Amministrattiv, imtella' biex jiddeponi in subizzjoni, inqalgħet din il-ħtieġa għas-sejħa tagħhom dwar fatti li ssuċċedew wara d-deċiżjoni mogħtija mill-Kummissjoni tad-Dixxiplina - li dwarha ġiet imħarrka bħala intimata l-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku. Ma kienx il-każ, sostna r-rikorrenti li jinħarġu 'l barra l-intimati attwali biex minflokhom jiddaħħlu l-kjamati in kawża. Il-proċess u l-lanjanzi tar-rikorrenti jibqgħu validi u rilevanti wkoll kontra l-intimati attwali. Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti iċċita wkoll ġurisprudenza nostrali *in materia*;

Illi *in tema* ta' dritt jingħad li l-liġi tagħna, fl-istitut ta' l-intervent u sejħa ta' persuna f'kawża tirrikonoxxi, *oltre* l-intervent volontarju, anki l-intervent koatt. L-aħħar intervent jista' jiġi ordnat fuq talba ta' waħda mill-partijiet jew *ex officio* mill-Qorti. *Di fatti*, l-artikolu 960 tal-Kodiċi ta' l-

*Organizzazzjoni* u Proċedura Ċivili (Kap. 15) jiġifieri l-artikolu u propożitu jgħid hekk:

*"Tista' wkoll terza persuna*, b'diġriet tal-Qorti f'kull waqt tal-kawża qabel is-sentenza, tiġi msejħa f'kawża miexja bejn partijiet oħra fil-Qorti ta' l-ewwel grad sew fuq talba ta' waħda mill-partijiet kemm ukoll mingħajr dik it-talba";

Mit-*test* stess tal-liġi joħroġ ċar illi tali sejħa tista' ssir **f'kull waqt tal-kawża**, però fil-Qorti ta' l-ewwel grad. *Una volta li sseħħ u tiġi nnotifikata* bl-att taċ-ċitazzjoni, it-terza persuna hekk imsejħa fil-kawża titqies, għall-finijiet kollha, bħala kull konvenut ieħor. Bħala tali jkollha kull dritt u l-jedd li tippreżenta *kull skrittura, li tagħti kull* eċċezzjoni, u li tinqeda b'kull benefiċċju ieħor illi l-liġi tagħti lill-konvenut: u tista', skond iċ-ċirkostanzi, tiġi meħlusa jew ikkundannata, daqs li kieku mill-ewwel il-kawża kienet proposta kontra tagħha (ara art. *961 - Kap. 15);*

Kif intqal in re: **Teresa Cilia vs. Vincenza Drago et,** *deċiża mill-Prima'Awla tal-Qorti Ċivili* fit-3 ta' Frar, 1960, il-fondament ta' dan l-istess istitut huwa l-interess tal-persuna li tissejjaħ jew titlob li tintervjeni, u dan l-interess jikkonsisti u jirrisjedi fl-eżitu tal-ġudizzju *li l-*persuna li tissejjaħ ikollha fih;

Fil-kawża fl-ismijiet "**Joseph Bonello vs. Ġiljan Bonello**" deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fil-25 ta' April, 1980, intqal hekk:

"Huwa fatt li ġie ħafna drabi deċiż mill-Qorti tagħna *li l-kjamata in kawża mhix* ammissibbli meta l-interess tal-persuna li għandha tiġi kkjamata kien jeżisti mill-bidu tal-proċediment

iżda f'dan ir-rigward il-Qorti taqbel ma' dak li kellha xi tgħid il-Prima'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha tat-3 ta' Frar, 1960 in re: **Cilia vs. Drago et**, u ċjoè illi (ġurisprudenza lokali altrettanti awtorevoli, ibbażata fuq studju aktar penetrattiv ta' l-istess ġurisprudenza relattiva, approvat li dak il-prinċipju li għadu kemm ġie enunċjat huwa sod u veru meta l-konvenut inizjali jkun persuna assolutament estranea u ma jkollu ebda interess fil-kawża; għar-raġuni loġika li f'każi simili bil-kkjamata jkun hemm sostituzzjoni tal-konvenut mill-persuna kkjamata, mentri jekk il-konvenut inizjali, għalkemm ma jkunx l-uniku interessat, fil-fatt ikollu interess fil-kawża, l-istess ikkjamata ta' interessati oħra mal-konvenut inizjali u oriġinarju, li jkollu interess, il-proċedura revokata ma tkunx qiegħda tapposta ebda sostituzzjoni, imma biss reintegrazzjoni tal-proċess, u kwindi l-istess hija permess u sostenibbli (ara Prim'Awla Ċivili, 8 ta' Frar, 1936, M. Borg vs. A. Delia, Vol. XXIX-II-970, Prim'Awla Ċivili, 30 ta' Novembru, 1935, Pulis vs. Ellul, deċiża fuq dan il-punt fit-2 ta' Mejju, 1935 (inedita), Prim'Awla Ċivili, 8 ta' Lulju, 1901, Bonavia vs. Dr. Ross - Vol. XVIII-II-52 u oħrajn";

Il-preċitati sentenzi odjerni jagħmlu wkoll riferenza għal deċiżjoni oħra mogħtija wkoll mill-Qorti tal-Kummerċ in re: **Zahra vs. Scicluna**, mogħtija fil-21 ta' Jannar, 1919, fejn ġie rritenut illi:

"*Quando non si tratti di rinnovare il procedimenti, sostituendo alla parte originariamente citata un persona diversa, ma bensì di integrare il procedimento coll'aggiunta di un individuo che si riconosce avere interesse nello stesso, la chiamata in causa si deve ammettere*";

Harsa lejn ix-xhieda mogħtija mill-intimat Segretarju Amministrattiv, insibu *inter alia* riferenzi bħal dawn li ġejjin (Seduta tal-5 ta' Marzu, 1985):

"...... Dana issa joħodna f'Lulju ta' l-istess sena, 1984. Sa dak in-nhar jiena ma kontx naf illi r-rikorrent kien għadu mhux qiegħed jaħdem ...... kif sirt naf jiena ktibt lid-Dipartiment ikkonċernat u għidtlu biex joqgħod għad-deċiżjoni illi ttieħdet u illi kont ikkomunikajtilhom aktar qabel. Ta' dan li ktbit jiena ma kellix risposta. Jiena komplejt ninsiti biex jiddaħħal jaħdem ir-rikorrent u jidhirli li ktibt ukoll f'dan is-sens;"

U mbagħad aktar 'il quddiem:

"Jiena bqajt sod fuq id-deċiżjoni tiegħi, fis-sens illi *una volta* illi kienet deċiżjoni f'dan is-sens, huma kellhom joqogħdu għal din id-deċiżjoni, id-Dipartiment".

U aktar wara:

"Naf illi s-Sur Drago kien semmieli li beda jsib xi diffikultajiet biex idaħħal lura fl-impjieġ tiegħu, lir-rikorrenti. X'inhuma d-diffikultajiet ma semmihomlix";

Il-Perit Godwin Drago allura kien jokkupa l-kariga ta' Aġent Direttur tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet. Dan xehed fis-seduta ta' l-14 ta' Frar, 1985, u *inter alia* xehed hekk:

"Jiena ngħid li l-Ministru kien edott mill-fatt li jiena kont qed nistenna "*clearance*" mingħandhom dwar il-każ tas-Sur Galea. Ir-risposta li rċevejt mis-Segretarjat dwar il-każ tas-Sur Galea kienet li għalissa ma hemmx il-"*clearance*" li jiena qed

insemmi u li ngħid li huwa rikjest biex jiddaħħal lura s-Sur Galea";

F'seduta sussegwenti mbagħad, dan ix-xhud (dik tat-28 ta' Marzu, 1985) tenna hekk:

"...... Jiena ngħid illi r-raġuni għaliex ir-rikorrenti sallum għadu ma daħalx ix-xogħol għaliex jiena bħala Direttur ma għandix *clearance* mill-Ministeru u fuq dan diġà xhedt";

Rat ir-rikors ta' l-appell taċ-*Chairman* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u tas-Segretarju Amministrattiv ippreżentat fil-5 ta' Ġunju, 1985, li bih, għar-raġunijiet hemm sottomessi talbu li din il-Qorti tirrevoka d-deċiżjoni fuq imsemmija tal-Qorti Ċivili tat-3 ta' Ġunju, 1985 u taqta' u tiddeċidi li ma għandux ikun hemm il-kjamata in kawża kif mitluba mir-rikorrent appellat u illi l-kawża għandha titkompla biss kontra tagħhom, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

Rat ir-risposta tar-rikorrent appellat ippreżentata fil-11 ta' Ġunju, 1985;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

L-ewwel punt li, fil-fehma tal-Qorti, għandu loġikament jiġi ikkunsidrat f'dan l-appell huwa jekk is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti fis-27 ta' Awissu, 1984, li minnha sar appell,

liema appell ġie deċiż minn din il-Qorti fil-21 ta' Jannar, 1985, hijiex, kif qegħdin jippretendu l-intimati appellanti, ta' ostakolu għat-talba għall-kjamata fil-kawża fuq imsemmija. Skond l-intimati appellanti l-kjamata in kawża ġiet ordnata wara s-sentenza kif inhu rikjest bl-Artikolu 960 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili bil-konsegwenza li l-kjamati fil-kawża ma jkunux jistgħu jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom dwar il-punti involuti fl-istess sentenza jew jappellaw minnha;

L-imsemmi Artikolu 960 jiddisponi: "Tista' ukoll terza persuna, b'digriet tal-Qorti, f'kull waqt tal-kawża qabel is-sentenza, tiġi msejħa f'kawża miexja bejn partijiet oħra fil-Qorti ta' l-ewwel grad ......". Fil-fehma tal-Qorti l-kliem "f'kull waqt tal-kawża" użati fid-dispożizzjoni tal-liġi fuq iċċitata meta kkombinati mal-kliem l-oħra fl-istess Artikolu "f'kawża miexja bejn partijiet oħra fil-Qorti ta' l-ewwel grad" huma tant estensivi fil-portata tagħhom illi ma jippermettu ebda interpretazzjoni restrittiva;

Il-Qorti tifhem b'dawk il-kliem li l-leġislatur ried li jagħti d-dritt li tintalab il-kjamata in kawża f'kull waqt li l-kawża tkun miexja fil-Qorti ta' l-ewwel grad u l-kawża fil-każ preżenti baqgħet miexja fil-Qorti ta' l-ewwel grad *nonostante* l-imsemmija sentenza preliminari u *nonostante* l-imsemmi appell, - tant li bid-deċiżjoni ta' l-appell mogħtija fil-21 ta' Jannar, 1985, l-attijiet tal-kawża ġew irrinvjati lill-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni u fil-fatt, kif jidher *ictu oculi* mill-proċess, l-ewwel Qorti kompliet tisma' l-kawża sakemm inqala' l-inċident preżenti. Il-kliem użati fl-imsemmi Artikolu 960 għandhom jiftehmu fis-sens li d-dritt tal-kjamata fil-kawża hemm ikkontemplata huwa mogħti sakemm tingħata s-sentenza definittiva fil-meritu mill-Qorti ta' l-ewwel grad billi sa dik

is-sentenza definittiva l-kawża tkun għadha miexja quddiem dik il-Qorti. Wara dik is-sentenza definittiva ma tistax tintalab il-kjamata in kawża u kwindi l-kjamata in kawża ma tistax tintalab quddiem din il-Qorti;

Is-sottomissjoni ta' l-intimati appellanti illi l-kjamati fil-kawża ma jkunux jistgħu jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom dwar il-punti deċiżi fis-sentenza preliminari jew li jappellaw minnha mhix valida billi dik is-sentenza preliminari tkun ingħatat qabel ma l-kjamati fil-kawża jkunu daħlu fil-kawża u għalhekk għalihom ma tkunx tifforma ġudikat u kwindi l-kjamati fil-kawża ma jkunux preklużi, jekk iridu, li jergħu jissollevaw għal dak li jirrigwarda lilhom l-istess punti;

Għalhekk il-Qorti tirritjeni li l-imsemmija sottomissjoni ta' l-intimati appellanti, ċjoè illi s-sentenza preliminari ta' l-ewwel Qorti tas-27 ta' Awissu, 1984 hija ta' ostakolu għall-kjamata in kawża mitluba, ma hix fondata;

Ikkunsidrat:

L-intimati appellanti qegħdin jissottomettu wkoll li l-persuni li tagħhom qiegħda tintalab il-kjamata in kawża, m'għandhom l-ebda interess fid-deċiżjoni tal-meritu tal-proċess odjern u kwindi ma tistax tintalab il-kjamata in kawża tagħhom. Min-naħa tiegħu r-rikorrenti appellant qiegħed jissottometti li l-persuni li tagħhom intalbet il-kjamata in kawża għandhom interess intalbet il-kjamata in kawża għandhom interess ġuridiku f'dil-kawża, - b'mod prtikolari fir-rifjut tagħhom illi jdaħħluh lura għax-xogħol *nonostante* d-deċiżjoni tal-*Public Service Comission;*

Il-liġi in materja dejjem ġiet interpretata fis-sens li terza persuna ma tistax tiġi msejħa f'kawża miexja bejn partijiet l-oħra jekk ma jkollhiex interess f'dik il-kawża. Hekk per eżempju fil-kawża "Gargani vs. Mifsud et" deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Mejju, 1877, President Sir Antonio Micallef u Imħallfin Dr. Lorenzo Xuereb u Dr. Filippo Pullicino , (Kollez. Dec. Vol. VIII, paġna 221) ingħad: "*Secondo la legge un terzo non deve essere chiamato in un giudizio tra altri pendente in prima istanza a meno che non consti del suo interesse nel giudizio*" u biex tara jekk jeżistix dan l-interess f'dik il-kawża, dik il-Qorti ħarset lejn "*le domande degli attori come sono espresse nella detta citazione*";

L-imsemmi interess għandu jkun jeżisti fl-eżitu tal-kawża. Kif osservat il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża "Mifsud vs. Minasi", 13 ta' Marzu, 1899, President Sir Giuseppe Carbone, Imħallfin Dr. Luigi Ganado u Baruni Chapelle, (Kollez. Dec. Vol. XVII-I-28): "*tale interesse, come risulta dalle disposizioni combinate contenute nel tit.XIII, lib. III delle dette Leggi, deve risiedere nell esito del giudizio, essendo l-oggetti della chiamata, o, secondo il caso, dell'ammissione in causa di intitolare la persona chiamata od ammessa di aderire o di opporsi alle domanda fatte dai contendenti principali, e di avere l-effetto di cosa giudicata la sentenza data in tale giudizio, anche nell' interesse della persona chiamata od ammessa;*"

L-imsemmija prinċipji ġew ribaditi, fost każi oħra, fil-kawża "Cilia vs. Drago et" mill-Qorti Ċivili fit-3 ta' Frar, 1960 iċċitata mill-ewwel Qorti fejn ingħad: "il-fondament ta' dan l-istess istitut huwa l-interess tal-persuna li tissejjaħ jew titlob li tintervjeni, u dan l-interess jikkonsisti u jirresjedi fl-eżitu tal-ġudizzju *li l-persuna li tissejjaħ ikollha fih*;

Fil-każ in eżami r-rikorrent appellant, fir-rikors promotorju tal-ġudizzju, wara li fil-paragrafu 9 issottometta li għalkemm l-interdizzjoni tiegħu ġiet imneħħija, meta mar lura għax-xogħol ġie miżmum u għadu hekk miżmum sal-lum, talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, għar-raġunijiet minnu msemmija fir-rikors, "tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex tiżgura t-twettiq tad-drittijiet tiegħu";

Sostanzjalment, għalhekk, ir-rikorrent imsemmi qiegħed jitlob li jerġa' jiddaħħal lura fl-impjieg tiegħu, u l-Qorti ma tifhimx kif il-kap tad-dipartiment ikkonċernat u l-Onorevoli Ministru li taħt id-dikasteru tiegħu jaqa' dak id-dipartiment jista' ma jkollhomx interess fl-eżitu ta' domanda simili;

Interess fl-eżitu tal-kawża għandu indubbjament l-intimat Segretarju Amministrattiv li, kif jemerġi mill-ittra tas-6 ta' Jannar, 1984 (Dok.X4, fol. 107), kien hu li "*authorised with immediate effect* " is-sospensjoni tar-rikorrent appellat, u kif jgħid huwa stess ikun hu li jieħu d-deċiżjoni jekk jittieħdux passi jew le wara li d-dipartiment ikkonċernat ikun ħareġ iċ- "*charges*" u għamel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu (ara xhieda a fol. 106). Interess fl-eżitu tal-kawża huwa wkoll evidenti fl-intimat *Chairman* tal-*Public Service Commission* meta qiegħed jintalab, fost ħwejjeġ oħra, l-annullament tad-deċiżjonijiet tal-Bord tad-Dixxiplina u tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Indipendentement minn dak li għad jista' jirriżulta, għalhekk, u x'għad irid jiġi eventwalment deċiż fil-meritu fil-konfront ta' dawn iż-żewġ intimati appellanti, huwa fatt li fil-konfront tagħhom l-interess ġuridiku jeżisti;

Dan, però, ma jeskludix li jista' jkun hemm persuni oħra li għandhom ukoll interess fl-eżitu tal-kawża, u fil-fehma tal-Qorti

dan l-interess jeżisti fil-persuni li tagħhom intalbet il-kjamata in kawża. Mir-riżultanzi proċesswali, infatti, ma jirriżultax li jista' jingħad li huma estranej għall-fatti allegati mill-appellat fir-rikors promotorju tiegħu u li għab-bażi tagħhom l-istess appellat jippretendi li ġew ivvjolati ċerti drittijiet tiegħu. Ovvjament, dan mhux l-istadju fejn isiru pronunzjamenti li jistgħu b'xi mod jinċidu fuq il-meritu tal-każ in eżami u l-Qorti trid tagħmilha *għall kollox ċara li b'din id-deċiżjoni ma qiegħda* bl-ebda mod takkolla jew teżonera *lil* xi persuna f'xi jew *minn* xi responsabbiltà jew ħtija;

B'din id-deċiżjoni l-Qorti qiegħda unikament tgħid li l-persuni *li* tagħhom intalbet il-kjamata fil-kawża għandhom interess fl-eżitu tal-kawża , u per konsegwenza, anke jekk dan l-interess kien jeżisti sa mill-bidu tal-proċediment, *una volta* li ma jistax *jingħad li dawn huma l-uniċi interessati ad eskluzjoni* ta' l-intimati oriġinali, it-talba għas-sejħa tagħhom fil-kawża għandha tiġi milqugħa. L-akkoljiment ta' din it-talba ma jimportax sostituzzjoni ta' l-intimat, imma reintegrazzjoni tal-proċess, u "*quando non si tratta di rinnovare il procedimento, sostituendo alla parte originariamente citata una persona diversa, ma bensì di integrare il procedimento coll'aggiunta di un individuo che si riconosce avere interesse nello stesso, la chiamata in causa si deve ammettere*" ("Zahra vs. Scicluna" - Vol. XXIV.III.739);

Ma kienx ikun leċitu li tiġi milqugħa t-talba għas-sejħa fil-kawża kieku l-intimati oriġinali kienu persuni assolutament estranej għall-kawża, iżda "meta l-persuna li tkun ġiet oriġinarjament iċċitata jkollha interess fil-kawża, iżda barra minnha jkun hemm persuni oħra li ma jkunux ġew imħarrka mill-bidu u jkollhom ukoll interess, il-kjamata in kawża ta' dawn

il-persuni hija ammissibbli u doveruża" ("Tabone noe' et vs. Magri", 6 ta' Frar, 1962, Vol. XLVI.II.561);

Il-Qorti tiċċita b'approvazzjoni u tagħmel tagħha dak li qalet il-Prima'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza li għadha kemm ġiet iċċitata, u ċjoè illi "anke mil-lat prattiku-legali din il-prassi tidher li għandha tiġi favorita, l-għaliex b'hekk tiġi assikurata ċ-ċelerità tal-ġudizzji, ikkoltivata s-sempliċità tagħhom, kif ukoll evitati kawżi ulterjuri; liema ekonomija ta' ġudizzji u spejjeż tiltaqa' bla ripunjanza fuq it-terren komuni legali tal-ġustizzja sostanzjali u tal-prattiċità ta' kuljum fil-ħajja progressiva moderna, li m'hijiex aktar inklinata għall-formaliżmu żejjed u antikwat, sakemm il-liġi hija salvagwardata u l-ġustizzja moqdija;"

Għal dawn il-motivi, għalhekk, tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma d-deċiżjoni appellata. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ l-ispejjeż ta' din l-istanza jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.